MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**LAWRENCE QUINTANO**

Seduta ta' l-20 ta' Mejju, 2013

Appell Kriminali Numru. 293/2012

**Il-Pulizija**
**Vs**
**Jason Camilleri**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant [detentur tal-karta tal-identita` numru 262775(M)] quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali talli meta b'diversi atti magħmulin minnu ukoll jekk fi żminijiet differenti u li jiksru l-istess dispożizzjoni tal-ligi u jkunu ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda, għax-xhur ta' Jannar 2012 u Frar 2012, meta hekk ordnat minn xi Qorti jew marbut b'kuntratt naqas li jagħti lil Karen Camilleri u/jew lil uliedu s-somma ffissata minnn dik il-Qorti jew stipulata bil-kuntratt bħala manteniment għaliha u/jew għall-ulied fi żmien 15-il jum minn dak il-jum li fih skont dik l-ordni jew dak il-kuntratt, ikollha titħallas dik is-somma.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tat-30 ta' Mejju, 2012, li biha, wara li rat l-artikoli 338(z), 18 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, sabet lill-appellant hati u għaldaqstant ikkundannatu ġimgħatejn detenzjoni.
Il-Qorti spjegat il-portata ta' din is-sentenza lill-appellant.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fis-6 ta' Gunju, 2012, li bih talab li din il-Qorti jogħġobha tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonferma l-ħtija ta' l-imputat iżda tħassarha fil-parti tal-piena billi minflok tiġi mposta piena aktar ekwa għaċ-ċirkostanzi tal-każ odjern.

Fliet l-atti kollha proċesswali.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravju tal-appellant jikkonsisti fis-segwenti :
a. Illi l-esponenti bir-rispett kollu u kif ser jigi sottomess waqt it-trattazzjoni ta' dan l-umli appell, umilment jemmen li fil-każ odjern jezistu fatturi li jimmilitaw favur temperament fil-piena inflitta mill-ewwel Onorabbli Qorti;
b. Illi hekk kif jidher mid-dokument hawn anness markat bl-ittra "B" l-esponenti anke ttenta diversi rikorsi quddiem il-Qorti Civili Sezzjoni Familja sabiex ivarja skont il-ligi s-sentenza mogħtija mill-Qorti Civili Sezzjoni Familja fit-8 ta' Ġunju 2011 ppreseduta mill-Imhallef Noel Cuschieri iżda martu ma attenditx għal ebda seduta;
c. Illi wara li kellha tingħalaq il-medjazzjoni kienet l-qagħda finanzjarja tiegħu li żammitu lura milli jkompli bil-proċeduri ġudizzjarji necessarji sabiex jottjeni varjazzjoni fis-sentenza msemmija;
d. Illi peress li l-esponenti preżentement jinsab bla impjieg huwa kellu jirrikorri għal huh sabiex jissellef somma flus sabiex b'hekk seta` jkopri l-arretrati fil-manteniment vis-a-vis martu u wliedu u jkun jista` jagħti bidu għal proċeduri legali neċessarji sabiex ivarja s-sentenza msemmija hekk kif jidher fl-hawn annessa skrittura privata markata bl-ittra "C";
e. Illi kontestwalment ma' dan ir-rikors huwa pprezenta talba lir-registratur tal-Qorti sabiex fil-mori ta' l-appell

jinbdew il-proceduri necessarji sabiex b'hekk għal darba oħra jittenta jvarja s-sentenza msemmija f'dak li għandu x'jaqsam mal-manteniment u dan kif jidher mill-hawn annessa ittra markata bl-ittra "D".

Ikkonsidrat

Li matul is-seduta tal-lum il-Qorti kienet mgħarrfa mill-parte civile li tħallsu l-ammonti kollha dovuti , b'mod partikolari dawk li għandhom x'jaqsmu mad-dati ta' din iċ-ċitazzjoni.

Għalhekk il-Qorti qed tirriforma s-sentenza mogħtija fit-30 ta' Marzu 2012, billi qed tikkonfermaha fil-parti fejn il-Qorti sabet lill-appellant ħati tal-imputazzjoni u qed tirriformaha fejn ikkundannatu għal ġimagħtejn detenzjoni u minflok qed tikkundannah iħallas ammenda ta' €58.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------